# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 36 – L-ERBGĦA 15 TA' FRAR 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku waqt il-laqgħa.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 34**

1.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li f'para. 4.10 tinbidel il-kelma 'titqassam' mal-kliem 'tkun disponibbli'.

1.2 Fuq talba tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li jiżdiedu żewġ paragrafi kif ġej wara paragrafu 7.7 kif ġej:

> 7.8 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni li ma tpoġġietx l-aġenda fuq in-*noticeboard*.
>
> 7.9 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni biex issir kommunikazzjoni mal-MEPA dwar żewġ siti fi Triq l-Imtarfa, li huma bla *boundary wall*.

1.3 Il-minuti tas-seduta numru 34 ġew approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 35**

1.4 Il-minuti tas-seduta numru 35 ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**3. PUNTI MILL-MINUTI 34 U MINUTI 35**

3.1 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-offerta tal-knis, is-SE kienet ġiet mitluba biex tgħaddi xi informazzjoni kif ukoll il-fajls tal-offerta lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex eventwalment jiġu diskussi waqt il-Bord tal-Appelli.

3.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar l-iskips ta' Triq l-Imtarfa, is-SE infurmat li ma kinitx għadha għamlet kuntatt ma' Green MT.

3.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar il-proġett tal-Awtorità tad-Djar, is-SE infurmat li matul dik il-ġimgħa kien sar *survey* taż-żona sabiex il-perit li qabbad il-Kunsill ikun jista' jipprepara l-pjanti neċessarji. Il-Kunsillier Vella talab li meta dawn il-pjanti jkunu lesti, il-Kunsill għandu jikkonsulta lir-residenti tal-madwar sabiex jinfurmahom bl-iżviluppi li kien qed jipproponi. Il-Kunsill qabel.

3.4 Għall-mistoqsija dwar il-kwistjoni tal-*bollard* fi Triq il-25 ta' April, is-SE infurmat li kienet kitbet lura lid-Dipartiment biex tinfurmah x'azzjoni kienet ittieħdet sal-ġurnata mill-Kunsill.

3.5 Is-SE infurmat li kienet issottomettiet l-applikazzjoni għall-iskema ta' finanzjament għar-restawr tat-tank tal-ilma. Għall-kumment tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar il-fatt li t-tank tal-ilma mhux proprjetà tal-Kunsill u għaldaqstant x'jiġri fil-każ li l-Kunsill jirċievi l-finanzjament, kien hemm qbil li f'dak il-każ il-Kunsill għandu jipprova jġib id-devoluzzjoni tal-post inkella mqar isir kuntratt tal-immaniġġjar tal-post (*management lease*) minħabba li sal-ġurnata din għadha proprjetà tal-Gvern Ċentrali.

3.6 Fir-rigward ta' para. 4.2, dwar l-applikazzjoni tal-MEPA, is-SE infurmat li l-applikazzjoni tat-tisbiħ tal-bosk kienet ġiet sottomessa fil-ħin.

3.7 Fir-rigward ta' para. 4.9, is-SE infurmat li kienet ġiet infurmata li matul dik il-ġimgħa kienet se titressaq il-kaxxa tat-telefon filwaqt li hi kellha laqgħa oħra dwar ir-rilokazzjoni tas-siġar li se jinqalgħu mill-*playing field.*

3.8 Fir-rigward ta' para. 4.10, dwar l-istands tal-gazzetta Malta Now, is-SE qrat ir-risposta li kienet irċeviet lura. Kien hemm qbil li għandha terġa' tikkomunika magħhom minħabba li naqsu milli jagħtu l-informazzjoni kollha mitluba.

3.9 Is-SE infurmat li kellha laqgħa ma' rappreżentant tal-HSBC *Call Centre* tas-Swatar fejn dawn kienu offrew €500 għall-attività ta' Military Mtarfa kemm-il darba jitħallew ipoġġu *stand* għall-promozzjoni. Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibgħat ittra formali lill-HSBC sabiex possibbilment l-i*sponsorship* jikber aktar minn hekk.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li kien ġie nnutat żball fuq il-lista tal-pagamenti li għaddiet fejn tniżżlet is-somma €4300 minflok €2300 f'isem is-Sur Jurgen Attard. Hija infurmat li dan l-iżball ġie retifikat hekk kif innutat u għaldaqstant iċ-ċekk inħareġ bis-somma t-tajba.

4.3 Is-SE infurmat li TM kienet infurmat lill-Kunsill sabiex minflok sinjal hekk kif mitlub mill-Kunsill, jinxtraw *delineators* għal matul Triq il-Kavallier V. Bonello, u li skont kwotazzjonijiet li ġabet kienu jiswew madwar €20 kull wieħed. Minħabba li t-triq fiha madwar 500metru u qed jiġi rrakkomandat li jitwaħħlu kull żewġ metri, dan ifisser li l-ispiża kienet ittella' għal madwar €5000. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jiflaħx għal din l-ispiża u għaldaqstant se tinkiteb ittra lura għall-għajnuna jew xi soluzzjoni oħra.

4.4 Is-SE infurmat li l-ispiża totali għall-attivitajiet tal-Milied telgħet għal €3988.85. Kopja tal-lista bl-ispejjeż skont l-attività qed tiġi mehmuża.

4.5 Il-Kunsill approva li jsir traqqigħ temporanju bil-*cold asphalt* ta' roqgħa pjuttost kbira fi Triq Mikiel Fsadni għal mhux aktar minn €130.

## 5. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie avviċinat sabiex jaċċetta ħaddiem/a mill-iskema tal-ETC bl-isem *Community Worker Scheme* fejn kien qed jiġi ssuġġerit li jintalab ħassiel/a fuq bażi ta' 30 siegħa fil-ġimgħa għal sitt xhur mingħajr ħlas. Is-SE ikkonfermat li fil-preżent il-Kunsill m'għandu l-ebda ftehim ma' kuntratturi u qiegħed iħallas madwar €150 fix-xahar sabiex ikollu ftit sigħat ta' tindif u għaldaqstant dawn setgħu jiġu frankati. Il-Kunsill qabel li għandu jipprova din l-iskema.

5.2 Hawnhekk is-SE infurmat li minn skema oħra, minn dik il-ġimgħa l-Kunsill kien se jibbenefika minn studenta mill-Imtarfa li kienet se tibda tliet xhur ta' esperjenza klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.3 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni lura mingħand is-Sur Clifton Fenech fir-rigward ta' kont pendenti fir-rigward tal-*filming* tad-dramm tal-passjoni. Is-Sur Fenech ikkontesta l-fatt li għalkemm il-ftehim kien għal €300 (mingħajr il-VAT), skont hu dan kien biss għal sagħtejn *filming*. Minħabba li kien hemm kontestazzjonijiet dwar dan il-kont, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' mas-Sur Fenech fil-preżenza tas-Sur John Micallef mid-Drama Group.

5.4 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tqis il-ħruġ tal-kuntratt tal-iskart bħala prijorità minħabba li dan kien skadut.

5.5 Is-Sindku informa li kienet għadha għaddejja kommunikazzjoni kontinwa bejn l-amministrazzjoni u TM dwar it-trinek fi Triq l-Imtarfa.

5.6 Is-Sindku informa li fil-preżent kienu qed isiru laqgħat preliminari dwar il-bandli. Huwa talab lis-SE sabiex tikkordina x-xogħol biex il-bandli l-antiki jitneħħew minn posthom u jitpoġġew fi Triq il-25 ta' April. Hija infurmat li kienet se tikteb lill-*Malta Standards Authority* sabiex il-Kunsill jingħata l-permess biex dawn il-bandli jitpoġġew fil-lok maqbul.

5.7 Minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill kien għadu ma wasalx, kien hemm qbil li għandu jinbidel l-andament tal-aġenda.

## 6. PUNTI OHRA

6.1 Il-Kunsillier Vella talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra talba li waslet mingħand resident li joqgħod fi Triq Palma sabiex tinbidel id-direzzjoni ta' din it-triq minħabba li qed jgħaddu l-vetturi b'veloċità eċċessiva. Is-Sindku talab lis-SE sabiex tfittex l-informazzjoni li kien hemm fuq dan il-każ minħabba li kien diġà ġie diskuss fil-passat.

6.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella, is-Sindku informa li kien kellem lill-periti ta' TM dwar ir-roqgħa tal-ilma li jkun hemm quddiem id-dar Il-Ħarruba fi Triq l-Imtarfa fejn dawn wegħduh li se jsiru xi *surveys*.

6.3 Il-Kunsillier Vella informa li kien qed jerġa' jressaq ilment mingħand is-Sur John Borg li joqgħod f'Misraħ il-Warda tax-Xemx fejn qed jitlob li jingħata aċċess u possibbilment parkeġġ fil-viċin tar-residenza tiegħu minħabba li għandu problema ta' mobilità. Il-Kunsill qabel li fil-prinċipju m'għandux oġġezzjoni iżda se ssir spezzjoni fuq is-sit sabiex jiġi vverifikat kif jista' jsir dan qabel ma tintbagħat it-talba uffiċjali lil TM.

6.4 Il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar problema ta' ilma tax-xita li ilha teżisti fuq in-naħa ta' ġewwa tal-garaxxijiet wara Binja Ġebel Dwejra. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb din il-problema aktar 'il quddiem meta jkollu servizz ta' perizja.

6.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella, is-Sindku kkonferma li waqt laqgħa li saret riċentament maċ-*Chairman* tal-Awtorità tad-Djar, huwa kien semma' l-kwistjoni tas-siġar li l-Awtorità kellha tiżra biex tpatti tas-siġar li nqalgħu biex inbniet din il-binja.

6.6 Il-Kunsillier Vella wassal talba f'isem l-iMtarfa Scout Group sabiex tintuża s-Sala tal-Kunsill għal *sleep-over* bejn it-3 u l-4 ta' Marzu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda nġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill mhux responsabbli jekk xi tfal iweġġgħu matul dawn il-jumejn filwaqt li għandhom jittieħdu l-passi neċessarji sabiex ma ssir l-ebda ħsara fuq il-proprjetà tal-Kunsill.

6.7 Il-Kunsillier Vella informa lill-Kunsill li huwa kien ġie mitlub jitla' xhud fuq il-każ tas-Sinjuri Zahra li qed jallegaw li l-ħaddiema tal-Kunsill laqtu l-vettura tagħhom waqt li sar xi qtugħ ta' ħaxix. Huwa ta rendikont lill-Kunsill dwar xi ntalab jirrispondi u kkonferma li kemm-il darba sar xi xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fil-ġurnata in kwistjoni, dan ma sarx mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-każ ġara fl-2010.

6.8 Fuq talba tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li jintalab il-permess ta' TM sabiex titpoġġa tabella ta' vleġġa fi Triq Leslie Rundle li turi li t-triq hija f'direzzjoni unika.

6.9 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni li kien ġie avviċinat minn persuna li xtaqet tagħmel riklam fuq il-fuljett tal-Kunsill. Minħabba li sal-ġurnata ma kienx hemm prezzijiet fissi, is-SE kienet se tgħaddi xi prezzijiet sabiex jiġu diskussi mill-Bord Editorjali.

6.10 Il-Kunsillier Scerri Diacono talab li jinġabru kwotazzjonijiet għal *projector*.

6.11 Hawnhekk il-Kunsillieri Vella u Bugeja talbu li jiġu skużati mil-laqgħa. Il-ħin kien id-9:35pm.

6.12 F'dan il-ħin wasal l-*accountant* tal-Kunsill u għaldaqstant kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża temporanjament sabiex jispjega l-*financial statements*.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS*

7.1 L-*accountant* ta dettalji dwar il-finanzi tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet. Huwa spjega wkoll li din id-darba l-Kunsill kien irnexxielu jdaħħal il-*financial statements* qabel id-data tal-għeluq u għaldaqstant ma kienx hemm riskju li jerġa' jeħel penali.

7.2 Barra minn dan, matul is-sena 2011 kien irnexxielu wkoll inaqqas l-ispiża b'madwar €100,000 mis-sena ta' qabel.

7.3 L-*accountant* informa wkoll li matul is-sena 2011, il-Kunsill kien irnexxielu jispiċċa s-sena bis-somma ta' madwar 10% tal-allokazzjoni hekk kif mitlub mil-liġi.

7.4 Wara diskussjoni mal-Kunsill, kien hemm qbil li għandu jsir aġġustament fir-rigward tat-*tipping fees*.

7.5 Il-Kunsill irringrazzja lill-*accountant* tal-intervent tiegħu. Il-ħin kien il-10:45pm.

7.6 Għaldaqstant il-Kunsill approva l-*financial statements* għas-sena 2011 a bażi tal-aġġustament ta' €8000 fir-rigward tat-*tipping fees*.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:55pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2012 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |